# Il-Parroċċa ta' Ħal Kirkop



**Joseph C Camilleri**
BA, DEAM, M.Ed (Pl & Mgt)

Sas-seklu 16 ir-raħal ta' Ħal Kirkop (Ħal Percopo) kien jagħmel parti mill-parroċċa ta' Bir Miftuħ. Meta miet il-kappillan Dun Bartolomeo Mangion fit-23 ta' Mejju 1529 l-Isqof ta' Malta Monsinjur Tumas Gargallo ħareġ l-ordni biex mill-parroċċa ta' Bir Miftuħ jinqatgħu żewġ ċentri – Ħal Tarxien u Ħal Kirkop.

L-isqof qagħad jistenna li Dun Mangion imut għaliex jekk jaqsam il-parroċċa ta' Bir Miftuħ waqt li l-kappillan kien għadu ħaj kien jistenna protesti min-naħa tal-kappillan. F'dawn iż-żminijiet, il-kappillani kellhom id-dritt għad-deċmi. Dun Ġużeppi Micallef, qassis minn Ħal Luqa li kiteb dwar il-parroċċa tiegħu kiteb hekk dwar dawn id-demċi: "*Kien 'dritt antik ħafna' tal-kappillani li kull sena kull kap ta' familja jagħtihom tomna qamħ u wiżna qoton. F'każ ta' wieħed li kien ikollu xi bhejjem tar-raba' kien irid jagħti wkoll tomna xgħir.*" Dan ifisser li jekk il-parroċċa ta' Bir Miftuħ tinqasam tliet partijiet id-dħul tal-kappillan kien ser jonqos, jonqas sewwa.

**L-Imqabbin u Ħalsafin**

Meta Monsinjur Tumas Gargallo waqqaf, fid-29 ta' Mejju 1592 lil Ħal Kirkop bħala parroċċa, daħħal magħha żewġ ċentri oħra li kienu wkoll parti mill-parroċċa ta' Bir Miftuħ. Dawn kienu l-Imqabba u Ħal Safi. Iżda n-nies tal-Imqabba u ta' Ħal Safi ma damux ma talbu lill-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi biex jibqgħu kif kienu qabel, jiġifieri magħqudin mal-parroċċa ta' Bir Miftuħ. Ir-raġuni li taw kienet għax huma ma xtaqux li jinfirdu mill-antenati mejtin tagħhom. Ir-raġuni setgħet kienet oħra. Xi ħassaba tal-istorja Maltija huma tal-fehma li l-Imqabbin u Ħalsafin ma riedux jidħlu għall-ispejjeż ta' bini ta' knisja ġdida barra l-konfini tal-Imqabba u ta' Ħal Safi. Min-naħa l-oħra Monsinjur Tumas Gargallo li kien jaf sewwa kemm inkwiet ser ikun meta joħloq parroċċa ġdida, ma riedx imur lura mid-dismembrazzjoni li kien diġà għamel. Bħala soluzzjoni għamel pass mhux tas-soltu. Hu ordna li l-kappillani ta' Bir Miftuħ u ta' Ħal Kirkop jamministraw bejniethom il-kura tal-erwieħ tal-Imqabbin u tal-Ħalsafin. Għalhekk fit-24 ta' Jannar tal-1593 ħareġ digriet biex iż-żewġ kappillani jmexxu n-nies ta' dawn iż-żewġ lokalitajiet flimkien. Dun Ġużepp Micallef kiteb hekk: "*Għalhekk l-isqof Gargallo fl-24 ta' Jannar 1593 ħareġ digriet fejn qal li sew Dun Gaspare* (il-kappillan il-ġdid ta' Bir Miftuħ) *kemm Dun Carlo* (il-kappillan ta' Ħal Kirkop) *jibdew iservu ta' kappillani fil-knisja ta' Birmiftuħ: it-tnejn ikollhom ċavetta tal-knisja, tat-tabernaklu, tal-fonti tal-Magħmudija, u tas-sagristija.*" Din is-sitwazzjoni baqgħet b'żewġ kappillani sal-1598 meta Ħal Kirkop, Ħal Safi u l-Imqabba saru tliet parroċċi separati. Dun Ġużepp Micallef jkompli jgħidilna li Dun Carlo Taliana kompla bħala kappillan ta' Ħal Safi.

**Ħal Kirkop**

Fid-29 ta' Mejju 1592 Ħal Kirkop, flimkien maż Ħal Tarxien kienu sar parroċċa. F'dawk iż-żminijiet Ħal Kirkop kien iħaddan fih madwar 90 familja jiġifieri bejn wieħed u ieħor xi 450 persuna, numru sabiħ għal dawn iż-żminijiet. F'Ħal Kirkop kien hemm tliet kappelel – ta' San Leonardu, ta' Santa Marija u tal-Lunzjata. Dan nafuh mir-rapport li kien ħejja Monsinjur Pietro Dusina meta kien qed jagħmel żjara pastorali f'Ħal Kirkop fit-8 ta' Frar 1575.



Dejjem skont Monsinjur Dusina l-kappella ta' San Leonardu kienet fqira, bla piżijiet u bla renti. Min-naħa l-oħra kellha legat marbut ma' biċċa art li kienet fl-inħawi ta' Bakkari li permezz tagħha kienu jitħallsu żewġ għosrien u jqaddsu quddiesa letta. Barra l-artal ta' San Leonardu kien hemm ieħor iddedikata t-Tlugħ is-Sema ta' Marija Santissima. Ċertu wieħed Ġabku Mangion kien ġalal legat biex tiġi ċelebrata l-festa bil-kant tal-għasar u bil-quddiesa kantata.

Il-knisja parrokkjali ta' Ħal Kirkop saret dik ta' San Leonardu u l-kappillan nħatar Dun Carlo Taliana.

**Il-knisja parrokkjali Koppija**

Maż-żmien il-Koppin ħattu ż-żewġ kappelel ta' San Leonardu u ta' Santa Marija biex jibnu l-knisja parrokkjali l-ġdida. Billi n-numru tan-nies kompliet tiżdied din il-knisja tkabbret fl-1706. Wara taħtew il-kampnar u bnew żewġ kampnari. Il-knisja ġiet konsagrata fl-10 ta' Novembru 1782 minn l-Isqof ta' Malta Monsinjur Vincenzo Labini.

Hawn insibu xogħlijiet artistiċi li ħarġu mill-pinzell ta' Raffaele Caruana u Ġużeppi Briffa. Il-vara titulari saret fl-injam f'Ortisei l-Italja u ħadet post il-vara li kien magħmel Karlu Darmanin fl-1877. Illum din il-vara ta' Darmanin jinsab merfuħa fis-sagristija. Insibu wkoll vara oħra dik ta' San Ġużepp li nġiebet minn Franza. Il-vara tad-Duluri hija tal-kartapesta u hi xogħol Wistin Camilleri.

Il-parroċċa torganizza żewġ festi ewlenin, waħda ad unur San Leonardu, il-festa titulari u l-oħra ad nur San Ġużepp, il-festa sekondarja. F'din il-parroċċa nsibu wkoll il-kappella filjali ddedikata lil Marija Annunzjata. Din il-kappella fiha l-oqbra ta' dawk li mietu bil-marda tal-pesta.

Il-problema li nħolqot kif Ħal Tarxien u Ħal Kirkop saru parroċċi fl-istess jum inħolqot problema. Min minnhom ser ikun qabel l-ieħor – id-dritt tal-preċedenza jew anzjanità taż-żewġ parroċċi. Skont il-kittieb Ġian Franġisk Abela fil-ktieb tiegħu "L-Istorja ta' Malta" kif ukoll l-Isqof Fra Tumas Gargallo fil-'Viste Pastorale' tal-1598 ikkummentaw dwar dan id-dritt. Dawn iż-żewġ parroċċi żgħażagħ ftehmu fuq is-sistema tal-alternanza, jiġifieri li parroċċa tieħu d-dritt fuq l-oħra darba kull wieħed. Din il-problema kienet tidher waqt il-purċissjoni ta' San Girgor. Din il-purċissjoni kienet mera tad-djoċesi Maltija fejn il-parruċċjani u kleru minn kull parroċċa kienu timxu f'purċissjoni fl-ordni ta' preċedenza skont l-antikità tal-parroċċa.

**Referenzi:-**

Massa Alfred, Ħal Tarxien u Ħal Kirkop jagħlqu 400 sena Parroċċa, Nru 9-10, Mejju 1992.

Dun Ġużepp Micallef, Ħal Luqa, niesha u żrajjietha, Malta, 1975.

Terribile Tony, Teżori fil-knejjes Maltin – Ħal Kirkop, l-Imqabba, il-Qrendi, Ħal Safi, iż-Żurrieq, Pubblikazzjonijiet Indipendenza, Malta, 2004.

PRIVAT
għat-Tfal tas-Sekondarja
ta' Form 1, 2 u 3 fil-Matematika

Il-privat issir
f'100, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien

Ikun hemm lezzjonijiet
anke fix-xhur tas-sajf

Ċempel fuq
79317436 jew 21436090